# Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
# Rapport Finali
# 13 ta' Frar 2012

Ikkummissjonat minn:
Il-Kumitat tar-Reġjuni
DTC Unità 1

MT

# Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
# Rapport Finali
# 13 ta' Frar 2012

Ikkummissjonat minn:
Il-Kumitat tar-Reġjuni
DTC Unità 1

**Klijent**
KUMITAT TAR-REĠJUNI
DTC Unità 1
101 rue Belliard,
B-1040 Brussell
**Kuntratt**
CDR/ETU/198/2008

**Awtur**
Christine Hamza

**Metis GmbH**
A-1220 Vienna, Donau-City-Straße 6
Tel.: +43 1 997 15 70, Faks: +43 1 997 15 90 66
indirizz elettroniku: office@metis-vienna.eu, www.metis-vienna.eu

Vjenna, 13/02/2012

# Werrej

1 Daħla ........ 1
2 Deskrizzjoni qasira ta' suġġetti rilevanti tas-CEF ........ 4
3 Kummenti fid-dettall ........ 6
3.1 Valur miżjud tas-CEF b'rabta mat-TEN-T ........ 6
3.2 L-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ........ 7
3.3 Koerenza bejn is-CEF u l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ........ 8
3.4 L-impatt tas-CEF fuq il-baġit pubbliku ........ 8
3.5 L-effetti fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-istat ........ 10
3.6 Sfidi u opportunitajiet fir-reġjuni tal-fruntiera ........ 10
4 Konklużjonijiet ........ 12
5 Referenzi ........ 14
6 Kontributuri ........ 14

# Lista ta' abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CEF | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa |
| FEŻR | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali |
| FK | Fond ta' Koeżjoni |
| KE | Kummissjoni Ewropea |
| KtR | Kumitat tar-Reġjuni |
| NMS | Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà |
| PPP | Sħubija pubblika-privata |
| REKT | Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali |
| TEN | Netwerk Trans-Ewropew |
| TEN | Netwerks Trans-Ewropej |
| TEN-T | Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport |
| UE | Unjoni Ewropea |
| UE12 | Bulgarija, Ċipru, Estonja, Latvja, Litwanja, Malta, Polonja, Repubblika Ċeka, Rumanija, Slovakkja, Slovenja, Ungerija |
| UE15 | Awstrija, Belġju, Danimarka, Finlandja, Franza, Ġermanja, Greċja, Italja, Irlanda, Lussemburgu, Pajjiżi l-Baxxi, Portugall, Renju Unit, Spanja, Svezja |

# 1 Daħla

Ir-rapport joffri sinteżi tas-sejbiet ewlenin tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-proposta għal Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)[1] tal-Kummissjoni Ewropea. Il-proċess ta' konsultazzjoni ġie mniedi fuq talba tar-relatur tal-KtR, Dr Ivan Zagar (SI/PPE) fid-29 ta' Novembru 2011. Abbażi ta' din it-talba, il-konsultazzjoni nfetħet għall-imsieħba tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (NMS), tal-Pjattaforma tar-REKT tal-KtR, tal-Pjattaforma għall-Monitoraġġ tal-Istrateġija UE2020 tal-KtR, membri oħrajn tal-KtR li riedu jipparteċipaw, uffiċċji reġjonali bbażati fi Brussell u r-rappreżentanzi permanenti tal-Istati Membri.

Il-konsultazzjoni ngħalqet fis-27 ta' Jannar 2012. Tressqu 31 kontribuzzjoni minn 11-il Stat Membru u żewġ raggruppamenti internazzjonali. L-ikbar numru ta' kontribuzzjonijiet ġew minn Spanja (ara l-Figura 1)

Figura 1: Kontributuri mill-Istati Membri




Sors: Metis 2011

Il-kontributuri kienu fil-biċċa l-kbira awtoritajiet reġjonali u lokali, segwiti minn Gruppi ta' Kooperazzjoni Territorjali (ara l-Figura 2).

1 Kummissjoni Ewropea (2011), Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, COM(2011) 665 final, 2011/0302 (COD), {SEC(2011) 1262 final} {SEC(2011) 1263 final}, Brussell, 19.10.2011

Figura 2: Tipi ta' kontributuri




Sors: Metis 2011

L-għan tal-konsultazzjoni kien li tiġi identifikata l-perċezzjoni tal-kontributuri dwar l-abbozz tar-Regolament dwar is-CEF f'termini ta'

- il-valur miżjud ġenerali tas-CEF
- l-involviment tal-governanza lokali u reġjonali
- il-kompatibilità tas-CEF mal-FEŻR
- l-impatt tal-implimentazzjoni tas-CEF fuq il-baġit pubbliku
- l-effetti fuq l-akkwist pubbliku
- l-effetti fuq reġjuni transkonfinali

Ir-reazzjoni ġenerali dwar is-CEF kienet pożittiva. Hemm qbil komuni dwar il-valur miżjud li jġib miegħu żvilupp tal-infrastruttura li jkun ċentralizzat u iktar iffukat. Is-CEF hija mistennija tagħti appoġġ sinifikanti għall-iżvilupp tal-infrastruttura transkonfinali li s'issa kien mgħobbi b'ħafna diffikultajiet. Madankollu, l-aspetti ewlenin, li ġew enfasizzati, huma:

- Id-direttiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar proġetti ewlenin titqies li tagħmel enfasi wisq kbira fuq **approċċ minn fuq għal isfel (top down), u b'hekk** thedded il-**Prinċipju tas-Sussidjarjetà** jekk ir-rwol tal-koordinatur tal-kuritur ikun jippermetti li jiġu mmexxija l-Istati Membri fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar proġetti tal-infrastruttura.
- Il-**predefinizzjoni ta' kurituri tal-infrastruttura** tidher riġida wisq u ma tippermettix l-inklużjoni ta' proġetti oħra fl-istadju ta' preparazzjoni. Dan jista' jhedded il-finanzjament ta' proġetti fi ħdan in-netwerk komprensiv ta' infrastruttura.
- B'mod speċjali fid-dawl tal-**limiti attwali fil-baġit**, huwa problematiku li l-Istati Membri jiġu sfurzati jwettqu proġetti tat-TEN predefiniti skont skadenzi vinkolanti.
- Filwaqt li għall-**UE15** il-**fondi addizzjonali** fil-prinċipju joffru **opportunitajiet ġodda** għall-finanzjament tat-TEN, l-**UE12** jinsabu **mħassba** ħafna dwar l-ammont ta' **kofinanzjament nazzjonali neċessarju** li se joħloq piż sostanzjali fuq il-baġit disponibbli.
- Il-baġit tal-Fondi ta' Koeżjoni jitqies bħala pilastru sinifikanti ta' ħafna reġjuni tal-UE12, u l-biża' li jitnaqqas **il-baġit tal-FK** sabiex jiġu finanzjati minflok proġetti tas-CEF jitqies bħala żvantaġġ sinifikanti għall-"Istati Membri l-ġodda".

- Huwa importanti li l-proposta tqis **ir-regolamenti, l-iskedi u l-baġits attwali tal-Istati Membri** li huma disponibbli għall-iżvilupp ta' infrastruttura.
- Il-proposta attwali ma toffri l-ebda proċedura dwar kif għandhom **jintrabtu proġetti ċentrali tas-CEF ma' proġetti tal-FK u tal-FEŻR**. Għal darb'oħra, huwa kritiku li tingħata prijorità lill-proġetti ta' infrastruttura ta' TEN-T billi dan jhedded l-iżvilupp ta' netwerks tal-infrastruttura importanti oħrajn.
- L-**approċċ transkonfinali** tas-CEF huwa rikonoxxut b'mod wiesa'. Madankollu, għad ma jidhirx li hemm proċedura ċara u distinta dwar kif jiġu indirizzati l-limiti legali minn naħa waħda tal-fruntiera għall-oħra.
- L-influwenza ta' proċeduri tas-CEF fuq **l-akkwist pubbliku mhijiex ċara** għal ħafna mill-kontributuri. Madankollu, uħud qed jistennew li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-proċeduri ta' akkwist, b'mod speċjali f'termini ta' proġetti transkonfinali.
- Il-proposta attwali **ma timplikax mekkaniżmu serju** għall-**involviment ta' atturi reġjonali u lokali fil-proċess ta' parteċipazzjoni**. Madankollu, ħafna mill-kummenti jimplikaw li l-involviment ta' atturi reġjonali u lokali huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Kontributuri oħrajn jaraw il-parteċipazzjoni fil-pjattaforma tal-kurituri bħala kontribut importanti.

# 2 Deskrizzjoni qasira ta' suġġetti rilevanti tas-CEF

Il-proposta regolatorja finali mressqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tiġi stabbilita l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)[2] tistabbilixxi qafas komuni sabiex jiġu appoġġati proġetti speċifiċi ta' infrastruttura fl-Ewropa. Il-proposta tinkludi proġetti tal-infrastruttura fil-livell Ewropew li huma importanti sabiex nimxu lejn interkonnettività ta' livell għoli tal-Istati Membri sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għal suq intern imtejjeb u kompetittività globali iktar b'saħħitha. L-istrument għandu jagħti spinta lill-proċess li attwalment qed jaqa' lura sabiex jagħmel progress in-Netwerk tat-TEN.

F'dan ir-rigward, il-proposta tindirizza kwistjonijiet fil-qasam tat-trasport (ferroviji, toroq, baħar) tul in-"netwerk ewlieni", in-Netwerk TEN. Tappoġġja b'mod speċifiku kurituri tal-infrastruttura, konnessjonijiet transkonfinali, faċilitajiet tal-enerġija ta' livell għoli u netwerks tat-telekomunikazzjoni.

L-istrument – għalkemm iġġestjonat b'mod ċentrali mill-Kummissjoni Ewropea – għandu jiġi implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

Il-**valur miżjud** tal-faċilità l-ġdida għandu jkun is-semplifikazzjoni tal-qafas legali tal-UE f'dak li jirrigwarda l-infrastruttura tat-TEN, u permezz ta' iktar effiċjenza għandu jiġi attratt iktar kapital privat. L-għan tas-CEF huwa li:

- jipprovdi qafas komuni li għandu jwassal għas-semplifikazzjoni tal-qafas legali tal-UE għall-finanzjament ta' infrastrutturi b'rabta mat-TEN,
- jipprovdi approċċ koerenti u trasparenti għall-finanzjamenti tal-UE,
- jippermetti t-twettiq ta' ekonomiji ta' skala,
- jisfrutta sinerġiji transsettorjali fil-livell tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti,
- jippermetti l-iffrankar ta' spejjeż u/jew l-isfruttar iżjed effiċjenti u dħul ikbar,
- jitgħallem mill-esperjenza u mill-iskambju tal-aqwa prattika bejn is-setturi[3].

Sabiex jinħoloq effett ta' lieva għall-finanzjament Ewropew u l-appoġġ finanzjarju, is-CEF għandu jorbot flimkien diversi strumenti finanzjarji. L-azzjonijiet u l-proġetti appoġġati minn strumenti finanzjarji għandhom jiġu magħżula fuq bażi ta' **min jiġi l-ewwel**, iżda għandha tiġi **kkunsidrata d-diversifikazzjoni ġeografika gradwali** madwar l-Istati Membri. **L-appoġġ finanzjarju** għandu jkun fil-għamla ta' għotjiet ikkombinati ma' strumenti finanzjarji oħrajn. L-għotjiet jinkludu is-**CEF, l-FK, il-Fondi Strutturali kif ukoll l-Orizzont 2020**. L-istrumenti finanzjarji jinkludu **strumenti ta' ekwità, self u/jew garanziji ffaċilitati minn strumenti tal-kondiviżjoni tar-riskju** jew strumenti finanzjarji oħrajn. L-istrumenti finanzjarji jistgħu jiġu kkombinati ma' għotjiet.

---

2 Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tressqet lill-Parlament Ewropew f'Ottubru 2011 u bħalissa qed tiġi analizzata mill-parlamenti nazzjonali. Id-data tal-għeluq għall-analiżi hija f'nofs Frar 2012.

3 Kummissjoni Ewropea (2011), Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, COM(2011) 665 final, 2011/0302 (COD), {SEC(2011) 1262 final}{SEC(2011) 1263}, Brussell, 19.10.2011, p. 5

Il-**baġit ewlieni** (EUR 31,7 biljun, li minnhom EUR 10 biljuni għandhom jiġu trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni) huwa allokat għat-trasport. EUR 9 biljuni oħra huma allokati għall-enerġija u EUR 9 biljuni għat-telekomunikazzjoni.

Il-**kriterji ta' eliġibilità** għall-finanzjamenti jkopru Stati Membri individwali jew diversi Stati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti jew sħubijiet pubbliċi-privati.

**Ir-rati ta' finanzjament** proposti għal studji dwar **it-trasport** m'għandhomx jeċċedu l-50 %, u għall-kostruzzjoni minn 20 % għal 30 %.

**Ir-rati ta' finanzjament għall-istudji dwar l-enerġija** m'għandhomx jeċċedu l-50 % u jistgħu jitilgħu għal 80 % għal infrastruttura speċifika rregolata mil-linji gwida tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tat-**telekomunikazzjoni, in-netwerks tal-broadband** jistgħu jiġu ffinanzjati sa 50 %, servizzi ġeneriċi sa 75 %, u f'każijiet eċċeszzjonali, pjattaformi ta' servizzi jistgħu jiġu ffinanzjati sa 100 %.

Il-proċeduri tal-**akkwist pubbliku** li jitwettqu mill-Kummissjoni jew minn kwalunkwe korp ieħor li jimplimenta proġett iffinanzjat, iridu jirrispettaw il-prinċipji tal-akkwist pubbliku, jiġifieri t-trasparenza, il-kompetizzjoni miftuħa u l-ġestjoni proċedurali adatta għall-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Ir-regolament jippermetti għotjiet multipli fi ħdan l-istess proċedura.

Ir-regoli tal-**akkwist pubbliku** bħalissa għaddejjin minn **proċess ta' reviżjoni** ta' proposta ġdida ppubblikata f'Diċembru 2011. Din il-proposta ġdida dwar l-akkwist għandha l-għan li tissemplifika l-proċeduri. Madankollu, għadu mhuwiex ċar kif dawn ir-regoli se jinfluwenzaw il-proposta attwali tas-CEF.

Il-proposta għal regolament ma timplikax il-parteċipazzjoni fuq **diversi livelli tal-awtoritajiet tal-Istati Membri**. L-Istati Membri ser imexxu l-implimentazzjoni tas-CEF fuq livell reġjonali u lokali.

# 3 Kummenti fid-dettall

## 3.1 Valur miżjud tas-CEF b'rabta mat-TEN-T

***Mistoqsija:*** *Temmen li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF – Connecting Europe Facility) ser tagħti valur miżjud lill-azzjoni tal-UE fil-qasam tat-TEN-T (inkluż effett ta' lieva fuq it-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali)? Jekk jogħġbok spjega t-tweġiba tiegħek u agħti eżempji biex issostni dan.*

***Sommarju tal-kummenti***

B'mod ġenerali, il-valur miżjud tas-CEF huwa rikonoxxut: b'mod partikulari f'termini taż-żieda fl-effikaċja tal-infrastruttura wiesgħa Ewropea, l-iżvilupp għandu jiżdied permezz ta' ġestjoni ċentralizzata tal-finanzjament u skambju aħjar tal-għarfien espert. Il-valur miżjud huwa mistenni fit-tkabbir ekonomiku b'netwerks aħjar tal-infrastruttura ta' livell għoli f'żoni li għad m'għandhomx konnessjonijiet suffiċjenti.

*L-għan fundamentali tas-CEF huwa li jgħaqqad is-suq uniku tal-UE, irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali attwali. L-ippjanar tal-infrastuttura neċessarjament irid isir fil-kuntest Ewropew. Fil-konsolidazzjoni tas-suq uniku, irid isir progress ukoll fl-istandardizzazzjoni ta' regolamenti nazzjonali differenti. (L-Awtorità tal-Port ta' Alicante)*

Il-kontributuri Spanjoli u Portugiżi speċjalment esprimew l-aspettattivi tagħhom li l-istrument isaħħaħ ir-rata ta' impjieg fl-industrija tal-bini u b'mod indirett jiffaċilita l-prosperità ekonomika fir-reġjuni konnessi. Is-CEF għandha tistimola l-PPPs u tattratta investituri (istituzzjonali) biex jipparteċipaw fil-finanzjament ta' proġetti TEN-T u tappoġġja t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$.

*Is-CEF hija għodda utli ħafna għall-appoġġ tal-infrastruttura reġjonali għall-iżvilupp tat-trasport intermodali u l-loġisitika kif ukoll għall-appoġġ ta' ċentri urbani filwaqt li jitqiesu pjattaformi reġjonali jew intermodali (Reġjun ta' Murcia)*

Madankollu, l-approċċ ta' qafas komuni uniku għall-iżvilupp tal-infrastruttura madwar l-Ewropa wassal għal reazzjonijiet differenti. Uħud mill-kontribuzzjonijiet huma tal-fehma li dan l-istrument uniku se jissemplifika l-proċessi, filwaqt li oħrajn jibżgħu li jkun hemm kunflitti mal-Prinċipju tas-Sussidjarjetà (pereżempju l-Belt ta' Vjenna, l-Assoċjazzjoni Litwana tal-Awtoritajiet Lokali). Skont dawn il-kontributuri, il-proposta għal regolament tas-CEF tista' toħloq konflitt mal-interessi nazzjonali. Pereżempju, in-natura vinkolanti ta' regolamenti (skadenzi vinkolanti) trid tiġi studjata fir-rigward ta' jekk dawn jikkostitwixxux ksur mhux aċċettabbli tas-sovranità baġitarja tal-Istati Membri min-naħa tal-UE. Il-Ġermanja, ngħidu aħna, reġgħet organizzat u ssemplifikat l-ippjanar tat-trażmissjoni tan-netwerk u l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni permezz tal-Att dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Espansjoni tal-Grid (NABEG). Il-kontributur Ġermaniż issa qed jibża' li s-CEF ma tikkorrelatax mal-proċeduri nazzjonali. Il-Parlament tar-Renju Unit esprima wkoll tħassib kbir dwar il-possibbiltà li s-CEF tisforza lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-infrastruttura predefinita li tista' thedded l-iżvilupp ta' netwerks komprensivi oħrajn li huma importanti fil-livell nazzjonali. F'dan ir-rigward, is-CEF għandha tikkunsidra l-iżvilupp tal-koeżjoni territorjali, inkluż kemm l-iżvilupp ta' infrastruttura nazzjonali kif ukoll dik reġjonali.

Barra minn hekk, hemm dubji dwar kemm hija prattika l-proposta Ewropea biex jinqasam il-proċess ta' awtorizzazzjoni fi proċess ta' applikazzjoni ta' sentejn u proċess ta' awtorizzazzjoni formali ta' sena. Skont il-kontributur Ġermaniż, ir-regolamenti proposti għandhom jiġu ristretti għall-iskala meħtieġa għall-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni Ewropea. Huma rrifjutati r-regolamenti proposti li jmorru lil hinn mill-Artikolu 171 tat-TFUE.

Kritika oħra tiġi mir-rappreżentant tal-Konferenza tar-Reġjuni Marittimi Periferali. Dan iddikjara li l-aspett marittimu tar-regolament propost ma jirriflettix il-ħtiġijiet reali għal titjib f'dak il-qasam. Kummenti li ġew ippreżentati jirrimarkaw li t-trasport tal-vapuri fuq il-baħar jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, iżda dan ma ġiex ikkunsidrat b'mod suffiċjenti fil-proposta għal regolament. Fl-aħħar nett, wieħed mill-kummenti jixħet dawl fuq il-problema ta' proġetti predefiniti fil-proposta li jeskludu proġetti li għadhom fl-istadju ta' qabel il-fattibilità.

*L-istrument "konnessjonijiet marittimi sostenibbli" jista' jibni fuq is-suċċess tal-mudell Ecobonus, jibbenefika minn valutazzjoni oġġettiva tal-Programm Marco Polo, u jadotta l-kuntest maħluq mir-restrizzjonijiet ġodda fuq il-kontenut tal-kubrit fil-karburanti marittimi (CPMR, Konferenza tar-Reġjuni Marittimi Periferali)*

Fl-aħħar nett, ir-reġjuni periferali fl-Ewropa ma jqisux li dan l-istrument huwa rilevanti għalihom. Skont il-governanza reġjonali ta' Madeira, is-CEF se jeskludi dawk li mhumiex konnessi man-netwerk tal-infrastruttura propost.

## 3.2 L-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

***Mistoqsija:*** *Jekk jogħġbok iddeskrivi kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser jiġu involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-CEF fl-Istat Membru tiegħek (inkluż l-impatt tas-CEF fuq l-istrateġiji tal-ippjanar u l-iżvilupp territorjali).*

***Sommarju tal-kummenti***

Il-kontributi kollha jesprimu l-ħtieġa li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jiġu involuti fi proġetti li jinfluwenzaw l-iżvilupp territorjali tagħhom. Filwaqt li xi kontributuri fehmu li hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jinkludu l-livell reġjonali u lokali, kontributuri oħrajn talbu li jkun hemm involviment iktar dirett fil-proċess tas-CEF. F'xi Stati Membri l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għadu ma ġiex kjarifikat, iżda l-biċċa l-kbira tal-oħrajn jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom skont il-qafas legali nazzjonali. Il-kontributuri Spanjoli taw deskrizzjoni ddettaljata tal-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Madankollu, ġie ddikjarat li l-valur miżjud li jġibu magħhom il-pjattaformi tal-kurituri li ġew proposti mill-Kummissjoni Ewropea u li għandhom iqarrbu lejn xulxin il-partijiet interessati kollha, ikun effettiv biss jekk jipparteċipaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll ir-raggruppamenti nazzjonali u internazzjonali.

Issir kritika ġenerali tal-ġestjoni ċentralizzata tas-CEF mill-Kummissjoni, li ma tagħtix lill-awtoritajiet lokali u reġjonali l-opportunità biex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Xi kontributuri esprimew it-tħassib tagħhom li l-isforzi ta' koeżjoni territorjali jistgħu jiddgħajfu jew jiġu mxekkla minn din il-ġestjoni ċentralizzata. Hemm ħafna proġetti

tal-infrastruttura reġjonali u lokali li jservu bħala emendi għat-TEN-T. Madankollu, dawn l-attivitajiet ta' konnessjoni ma jitqisux fil-proposta attwali. Barra minn hekk, ir-regolament jonqos milli jikkunsidra oqfsa legali nazzjonali (sistema federali, reġjonali) li ma jippermettux proġetti tal-infrastruttura minn fuq għal isfel bħalma tipprevedi l-proposta għal regolament tas-CEF (pereżempju l-Ġermanja). Dan jitqies bħala pass lura fi ħdan l-approċċ globali tas-sħubija li jikkaratterizza l-politika tal-koeżjoni llum il-ġurnata.

*Is-CMPR tappella għal deskrizzjoni iżjed vinkolanti tar-rwol tal-awtoritajiet reġjonali fi ħdan din is-sistema ta' governanza. Is-CPMR hija kontra deċiżjonijet iċċentralizzati dwar l-allokazzjonijiet baġitarji, u temmen li l-għoti ta' bonus abbażi tal-maturità ta' proġetti fi proċedura vinkolanti jmur kontra l-idea tal-koeżjoni territorjali u l-governanza tajba. (CPMR, Konferenza tar-Reġjuni Marittimi Periferali)*

### 3.3 Koerenza bejn is-CEF u l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni

***Mistoqsija:*** *Kif tista' tiġi żgurata kompatibbiltà koerenti bejn proġetti finanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u dawk iffinanzjati permezz tas-CEF? X'inhu l-impatt mistenni tas-CEF fuq proġetti iżgħar?*

***Sommarju tal-kummenti***

It-tħassib tal-partijiet interessati li ssemma l-iżjed huwa dak li jirrigwarda l-koordinazzjoni suffiċjenti bejn proġetti Ewropej immexxija mis-CEF u proġetti nazzjonali ffinanzjati mill-FEŻR. Ħafna mill-kummenti jinkludu l-fehim li s-CEF tikkonċentra l-iżjed fuq proġetti ikbar u għaldaqstant tista' faċilment tiġi kkomplementata minn proġetti iżgħar iffinanzjati mill-FEŻR. Xi kontributuri jsostnu li l-proposta ma tiddeskrivix b'mod suffiċjenti r-rabta proċedurali bejn proġetti tas-CEF u tal-Fond Strutturali (FEŻR). Iktar importanti minn hekk, irid jiġi evitat kull sforz doppju bejn il-FEŻR u s-CEF. Sabiex jiġi evitat finanzjament doppju, iridu jiġu definiti kriterji ċari. Barra minn hekk, l-iskemi kollha ta' finanzjament iridu jiġu vvalutati u adatti.

Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha għandhom aċċess ugwali għall-finanzjament tal-infrastruttura fil-FEŻR. Irid jiġi evitat li n-nuqqas ta' finanzjament ta' proġetti iżgħar u li huma inqas dominanti jwassal għat-tneħħija kompleta ta' proġetti tal-infrastruttura periferali. Barra minn hekk, l-enfasi fuq l-għaxar proġetti ewlenin magħżula ġiet ikkritikata bħala riġida wisq, u ġew injorati kwistjonijiet tal-istess importanza fl-Ewropa. Ġie espress it-tħassib li proġetti iżgħar mhux relatati mal-għaxar kurituri se jitilfu l-importanza tagħhom fil-livell Ewropew.

*Is-CEF hija mfassla biex toħloq konnessjonijiet bejn ir-reġjuni iżda titmexxa b'mod ċentralizzat mill-Kummissjoni. Bis-sistemi ta' ġestjoni differenti (CEF ċentrali u FEŻR reġjonali, Fond tal-Koeżjoni) jinħolqu diffikultajiet konsiderevoli fl-iżvilupp kompatibbli ta' proġetti. Hija nieqsa l-konnessjoni bejn is-CEF u l-Qafas Strateġiku Komuni tal-Koeżjoni (Konvenzjoni tal-Awtoritajiet Lokali Skoċċiżi (COSLA))*

### 3.4 L-impatt tas-CEF fuq il-baġit pubbliku

***Mistoqsija:*** *X'inhu l-impatt mistenni tal-proposta tas-CEF fuq il-baġit pubbliku tiegħek u fuq l-użu ta' Fondi Nazzjonali jew tal-UE oħra?*

***Sommarju tal-kummenti***

Il-kontribut medju ta' kofinanzjament tas-CEF għan-netwerks tat-toroq u dawk ferrovjarji ma jaqbiżx it-30 %. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-proposta tas-CEF mhijiex se taqdi rwol prinċipali fil-baġits nazzjonali.

| |
|---|
| *Filwaqt li l-investimenti tal-ICT u l-enerġija jiżdiedu sostanzjalment, aħna nemmnu li l-parti tat-trasport ma tirriżultax f'bidla sinifikattiva mis-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. (Konvenzjoni tal-Awtoritajiet Lokali Skoċċiżi (COSLA))* |

Kontributuri mill-UE15 fil-biċċa l-kbira tagħhom jikkunsidraw is-CEF bħala opportunità għal fondi addizzjonali għall-infrastruttura. Uħud mill-kontributuri huma tal-opinjoni li s-CEF huwa biss strument għall-UE15 li huma kapaċi jikkofinanzjaw dawk it-tipi ta' investimenti tal-infrastruttura filwaqt li l-UE12, minħabba limitazzjonijiet baġitarji, qed jiffaċċjaw diffikultajiet kbar biex jikkofinanzjaw dawk il-proġetti tal-infrastruttura.

| |
|---|
| *L-impatt tal-proposta tas-CEF fuq il-baġits nazzjonali se jkun limitat għal dawk l-Istati Membri b'infrastruttura eżistenti ta' standard għoli. (Muniċipju ta' Łódź)* |

Is-CEF jitqies bħala indikazzjoni taċ-ċentralizzazzjoni tal-Fondi ta' Koeżjoni li tista' żżid id-diffikultajiet tar-reġjuni biex jipparteċipaw fil-proċess. Il-Fond ta' Koeżjoni huwa strument finanzjarju importanti għall-"Istati Membri l-ġodda". Il-kurituri proposti tas-CEF u l-allokazzjoni ta' EUR 10 biljun mill-Fond ta' Koeżjoni jitqiesu bħala direttiva minn fuq għal isfel tal-Kummissjoni Ewropea li tillimita l-flessibilità tal-Istati Membri fil-fażi tan-negozjar.

| |
|---|
| *Mill-EUR 34 biljun mill-Fond tal-Koeżjoni maħsuba biex jiffinanzjaw it-TEN-T, EUR 10 biljuni se jkunu allokati permezz tal-istess proċedura li tintuża għas-CEF, b'mod partikulari abbażi tas-sejħiet għal proġetti organizzati mill-Kummissjoni. Meta wieħed iqis ir-riskji msemmija hawn fuq, ma jkunux il-proġetti l-iżjed strutturali li jingħataw prijorità, iżda dawk li aktarx jintemmu l-iżjed malajr. Dan it-tip ta' bidla fir-regolamenti jista' jiġi assimilat ma' pass lura fl-approċċ globali lejn is-sħubija (CPMR, Konferenza tar-Reġjuni Marittimi Periferali)* |

Barra minn hekk, il-prijoritizzazzjoni tal-kurituri proposti tat-TEN tista' xxekkel l-Istati Membri milli jwettqu l-proġetti tal-infrastruttura tagħhom li xi kultant ikunu iżjed urġenti. Il-perjodi ppjanati għat-twettiq ta' proġetti tas-CEF jistgħu jkunu iżjed flessibbli. Jista' jkun hemm problemi meta l-perjodi ppjanati għal proġetti fil-proposta ma jkunux konsistenti mal-ippjanar nazzjonali.

| |
|---|
| *Il-ħolqien ta' faċilità ġdida se jwassal għal aktar ċentralizzazzjoni tal-fondi, u b'hekk ikun iżjed diffiċli għar-reġjuni biex ikollhom aċċess dirett għalihom (Uffiċċju tal-Marixxall tal-Vojvodat ta' Pomorskie)*<br>*Il-prijoritajiet tas-CEF jistgħu jxekklu lill-Istati Membri milli jipprijoritizzaw il-proġetti tagħhom stess. Għaldaqstant il-perjodu ppjanat irid ikun iktar flessibbli milli huwa indikat fil-proposta. Tista' tintlaħaq ċerta flessibilità billi jintużaw il-Linji Gwida minflok ir-Regolament kif sar fi proġetti preċedenti tat-TEN-T (Netwerk Ferrovjarju)* |

Il-proposta sabiex jiġu involuti investimenti privati fil-proġetti tat-TEN-T tqajjem aspett ieħor. Xi kontributuri esprimew ċerti dubji dwar jekk l-għodda tipprovdix l-ambjent finanzjarju sigur neċessarju sabiex l-investituri jitħajru.

Ġeneralment, ikun mistenni li kull valutazzjoni tal-finanzjament għal proġett għandha tipprova turi li dan huwa każ ta' negozju b'saħħtu u li se jkun hemm dħul għall-investiment, qabel ma kwalunkwe infrastruttura tidħol għall-proġett. Mhuwiex ċar jekk il-finanzjament mis-CEF jesiġix xi livell ta' dħul fuq l-investiment, u fil-fatt, jekk il-proġetti proposti għandhomx ikunu meħtieġa juru l-valur tagħhom qabel ma jiġi approvat proġett.

*Huwa importanti li jitqiesu l-kapaċitajiet individwali u l-potenzjal tal-intraprendituri u n-negozji lokali (REKT CUTTS Ungerija)*

### 3.5 L-effetti fuq l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-istat

***Mistoqsija:*** *Tista' tidentifika kwalunkwe effett fuq ir-regoli tal-akkwist pubbliku u fuq l-għajnuna mill-istat?*

***Sommarju tal-kummenti***

Il-maġġoranza tal-kontributi ma jarawx konflitti jew effetti fuq il-proċeduri nazzjonali tal-akkwist pubbliku. Madankollu, kif stqarr l-Uffiċċju tal-Marixxall tal-Vojvodat ta' Pomorskie fil-każ ta' proġetti transnazzjonali, id-differenzi bejn is-sistemi legali tal-Istati membri jistgħu jikkawżaw ostakli sinifikanti f'investimenti konġunti. Il-proċess tal-akkwist pubbliku bħalissa qed jiġi rivedut u hemm xi tħassib li wħud mill-proċeduri ġodda ta' akkwist jistgħu jżidu l-kumplessità.

*Hemm it-tħassib li s-CEF twassal għal proċedura tal-akkwist pubbliku riveduta li hija mfassla speċifikament għall-istrument. Hemm opinjoni negattiva ta' proċeduri speċifiċi tal-akkwist pubbliku għal ħidmiet speċifiċi (pereżempju l-akkwist pubbliku ekoloġiku). Dan jifframmenta l-approċċ tal-akkwist pubbliku u jwassal għal piż amministrattiv. (Konvenzjoni tal-Awtoritajiet Lokali Skoċċiżi (COSLA))*

### 3.6 Sfidi u opportunitajiet fir-reġjuni tal-fruntiera

***Mistoqsija:*** *Liema sfidi u opportunitajiet toffri s-CEF lir-reġjuni tal-fruntiera (inkluż l-użu possibbli tar-REKT)?*

***Sommarju tal-kummenti***

Ġeneralment, is-CEF hija rikonoxxuta bħala strument ta' appoġġ għall-konnettività transkonfinali. Huwa apprezzat ħafna l-fatt li s-CEF tipprevedi l-ħtieġa biex jiġu appoġġati konnessjonijiet tal-infrastruttura transkonfinali. Il-konnessjonijiet tat-trasport huma importanti b'mod kruċjali sabiex jgħinu lir-reġjuni tal-fruntiera u dawk transkonfinali jegħlbu l-iżvantaġġi kkawżati mis-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, kemm fil-livell nazzjonali u Ewropew.

*Is-CEF hija bżonnjuża ħafna mhux biss fir-reġjuni tal-fruntiera iżda wkoll fiż-żoni bbażati fuq il-baħar. Kemm il-Gvern Skoċċiż kif ukoll l-awtoritajiet lokali mal-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana jaraw is-CEF bħala strument potenzjali kemm biex jiżviluppa l-konnessjonijiet tan-netwerk mal-Ewropa kif ukoll il-ġenerazzjoni indiġena ta' enerġija rinovabbli bl-impatt ovvju fuq il-prosperità ekonomika lokali. (Konvenzjoni tal-Awtoritajiet Lokali Skoċċiżi (COSLA))*

Il-proġetti transkonfinali jiddipendu ħafna fuq atturi reġjonali u lokali. Għaldaqstant huwa dejjem iktar neċessarju li jiġu involuti f'din il-kwistjoni speċifika. Bħalissa, parteċipazzjoni bħal din mhijiex prevista fil-livell Ewropew. Ir-REKT fl-Ungerija, pereżempju, m'għandhomx il-baġit biex jipparteċipaw fil-ġenerazzjoni ta' proġetti u l-proċess ta' evalwazzjoni relatat mat-TEN-T. Tħassib ieħor f'dan ir-rigward huwa n-nuqqas ta' esperjenza u għarfien biex iwaqqfu l-istrutturi neċessarji sabiex jiġu implimentati proġetti transkonfinali.

*Ir-reġjuni tal-fruntieri jistgħu jsiru ostaġġi tan-nuqqas ta' ftehim bejn l-Istati Membri fuq proġetti komuni. Is-CEF ma tipprovdix il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jiġi evitat dan ir-riskju, iżda tneħħi r-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni mir-reġjuni tal-fruntiera. (Assoċjazzjoni Litwana tal-Awtoritajiet Lokali)*

# 4 Konklużjonijiet

Il-kontribuzzjonijiet li ntbagħtu jistgħu jiġu mqassma fi gruppi ta' interess differenti. L-ewwel nett, hemm l-awtoritajiet u r-rappreżentanti lokali u reġjonali; it-tieni, il-kooperazzjonijiet territorjali; it-tielet, ir-rappreżentanti tal-partijiet interessati bħan-netwerks tal-portijiet. It-tieni differenza hija dik li wieħed jista' jislet bejn l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet li jinsabu fi Spanja u l-Portugall li huma appoġġati b'mod qawwi mis-CEF, u l-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u organizzazzjonijiet li huma kritiċi dwar il-proċess minn fuq għal isfel tas-CEF. Għaldaqstant wieħed ma jistax jislet konklużjoni ġenerali barra mill-fatt li l-Istati Membri tal-UE15 ma jqisux is-CEF bħala opportunità addizzjonali għall-finanzjament tal-infrastruttura, u l-UE12 huma mħassba li s-CEF ser tkun ta' xkiel għal ħtiġijiet iktar urġenti fir-reġjuni.

Tħassib ieħor, għalkemm mhux daqshekk b'saħħtu, huwa l-ħarsien tal-Prinċipju tas-Sussidjarjetà. Il-Prinċipju tas-Sussidjarjetà huwa definit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea Artikolu 5: *Fl-oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn, l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinksibu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinksibu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-objettivi tat-Trattati*[4].

F'dan ir-rigward, id-direttivi tal-Kummissjoni Ewropea dwar proġetti ewlenin jitqiesu li jagħmlu enfasi wisq kbira fuq approċċ minn fuq għal isfel, u b'hekk jheddu l-Prinċipju tas-Sussidjarjetà jekk ir-rwol tal-koordinatur tal-kuritur ikun jippermetti li jiġu mmexxija l-Istati Membri fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar proġetti tal-infrastruttura.

Madankollu, il-kummenti li ġew riċevuti jistgħu jiġu sintesizzati kif ġej:

- Il-predefinizzjoni ta' kurituri tal-infrastruttura hija kkritikata, billi dawn ixekklu l-iżvilupp ta' proġetti aktar urġenti.
- L-involviment tal-atturi reġjonali u lokali fil-pjattaforma tal-kurituri titqies bħala meħtieġa, iżda l-proposta ma tipprevedi l-ebda appoġġ għall-gruppi territorjali u r-rappreżentanti l-oħra.
- Is-CEF u l-FEŻR jista' jkollhom valur miżjud potenzjali jekk ikunu kompatibbli ma' xulxin. Madankollu, għadu mhux ċar kif dawn iż-żewġ strumenti huma fil-fatt marbutin flimkien. Dan joħloq tħassib dwar l-isforzi doppji u t-tnaqqis fil-proġetti tal-FEŻR.
- Il-fatt li s-CEF tiġi allokata EUR 10 biljun joħloq preokkupazzjonijiet kbar fl-Istati Membri l-ġodda. Diversi awtoritajiet lokali u reġjonali esprimew il-biża' tagħhom li jinħolqu konflitti bejn il-proposti għal proġetti fil-livell nazzjonali u l-proġetti proposti għall-kurituri.
- L-implimentazzjoni tal-proġetti transkonfinali ġeneralment tintlaqa' tajjeb ħafna. Però, għal darb'oħra, la l-implimentazzjoni reali bbażata fuq sistemi legali differenti u lanqas il-proċedura u l-involviment tal-partijiet interessati mhuma definiti b'mod ċar.
- Il-maġġoranza tal-istqarrijiet ma jaraw l-ebda konflitt mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

4 Unjoni Ewropea (2006), verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 5

B’mod ġenerali, l-istqarrijiet jenfasizzaw li l-proċedura tal-implimentazzjoni tas-CEF mhix ċara biżżejjed (speċjalment rigward il-proġetti transkonfinali). Dan joħloq il-bżonn li jittejjeb l-adattament bejn il-miri tal-KE u l-interessi tal-Istati Membri f’dan ir-rigward. Il-kummenti jindikaw liema miri tal-Istati Membri jiġu sodisfatti fil-proposta u liema pajjiżi għandhom xi diffikultajiet biex jaġġustaw il-proġetti proposti għall-miri nazzjonali u reġjonali tagħhom. Pereżempju, Spanja u l-Portugall ma jidhrux li għandhom aktar oġġezzjonijiet għall-proposta u ma jistennewx li s-CEF tappoġġja l-baġit infrastrutturali nazzjonali u reġjonali tagħhom. Madankollu, xi kummenti mill-Ungerija, il-Ġermanja u l-Polonja jindikaw li huma jibżgħu li l-awtonomija nazzjonali u reġjonali tagħhom ser tiġi pperikolata mill-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet.

# 5 Referenzi

Kummissjoni Ewropea (2011), Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, 2011/0302(COD), COM(2011) 665, Brussell, 19.10.2011

# 6 Kontributuri

| Nru | Isem | Pajjiż | Netwerk | Tip ta' kontributur |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Netwerkstad Twente | Il-Pajjiżi l-Baxxi | NMS | Netwerk reġjonali |
| 2. | Konsulent indipendenti (membru fondatur tal-EGTCUTTS, BEFA) | L-Ungerija | REKT | Kooperazzjoni territorjali |
| 3. | Reġjun tal-Marche (l-Italja) | L-Italja | NMS | Awtorità reġjonali |
| 4. | Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali Galicia-Norte de Portugal | Il-Portugall | REKT | Kooperazzjoni territorjali |
| 5. | Gvern Awtonomu ta' Valenzja, Direttorat Ġenerali għat-Trasport u l-Loġistika | Spanja | NMS | Awtorità reġjonali |
| 6. | Kunsill tal-Kmamar tal-Kummerċ tal-Komunità ta' Valenzja | Spanja | irid jiġi kkonfermat | Awtorità reġjonali |
| 7. | Muniċipju ta' Łódz | Il-Polonja | NMS | Awtorità lokali |
| 8. | Dipartiment tal-Ippjanar, Uffiċċju tal-Gvern Provinċjali ta' Styria | L-Awstrija | NMS | Awtorità reġjonali |
| 9. | Komunità Awtonoma ta' Galicia | Spanja | NMS | Awtorità reġjonali |
| 10. | Assemblea ta' Extremadura | Spanja | NMS | Awtorità reġjonali |
| 11. | Uffiċċju tal-Marixxall tal-Vojvodat ta' Pomorskie | Il-Polonja | NMS | Awtorità reġjonali |
| 12. | Belt ta' Vjenna | L-Awstrija | NMS | Awtorità lokali |
| 13. | Gvern Reġjonali ta' Madeira | Il-Portugall | għad irid jiġi kkonfermat (Parl. huwa membru tal-NMS) | Awtorità reġjonali |
| 14. | Komunità Urbana ta' Brest Métropole Océane | Franza | irid jiġi kkonfermat | Awtorità lokali |
| 15. | Assoċjazzjoni Litwana tal-Awtoritajiet Lokali | Il-Litwanja | NMS | Awtorità lokali |
| 16. | Assoċjazzjoni ta' Reġjuni Ewropej fil-Konfini (AEBR) | Internazzjonali | NMS | Kooperazzjoni territorjali |
| 17. | REKT UTTS | L-Ungerija | REKT | Kooperazzjoni territorjali |
| 18. | Konvenzjoni tal-Awtoritajiet Lokali Skoċċiżi | Ir-Renju Unit | NMS | Awtorità lokali |
| 19. | Konferenza tar-Reġjuni Marittimi Periferali (CPMR) | Internazzjonali | irid jiġi kkonfermat | Kooperazzjoni territorjali |
| 20. | Gvern Reġjonali ta' Valenzja | Spanja | NMS | Awtorità reġjonali |
| 21. | FEPORTS – Istitut tal-Kooperazzjoni u l-Istudji Relatati mal-Portijiet | Spanja | irid jiġi kkonfermat | Organizzazzjonijiet pubbliċi oħra |
| 22. | Awtorità tal-Port ta' Alicante | Spanja | irid jiġi kkonfermat | Organizzazzjonijiet pubbliċi oħra |
| 23. | Awtorità tal-Port ta' Valenzja | Spanja | irid jiġi kkonfermat | Organizzazzjonijiet pubbliċi oħra |
| 24. | Awtorità tal-Port ta' Castellón | Spanja | irid jiġi kkonfermat | Organizzazzjonijiet pubbliċi oħra |
| 25. | Ministeru ta' Baden-Württemberg | Il-Ġermanja | NMS | Awtorità reġjonali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 26. | Network ferrovjaru | Ir-Renju Unit | irid jiġi kkonfermat | Netwerk tematiku |
| 27. | Reġjun ta' Murcia. Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar tal-Art: Segretarjat Ġenerali/Direttorat Ġenerali għat-Trasport u l-Portijiet | Spanja | irid jiġi kkonfermat | Awtorità reġjonali |
| 28. | Uffiċċju tal-Marixxall tar-reġjun ta' Wielkopolska | Il-Polonja | irid jiġi kkonfermat | Awtorità reġjonali |
| 29. | Reġjun ta' Warmia u Mazury | Il-Polonja | irid jiġi kkonfermat | Awtorità reġjonali |
| 30. | REKT Eurometropolis | Il-Pajjiżi l-Baxxi | REKT | Kooperazzjoni territorjali |
| 31. | Dipartiment tad-Djar, Xogħlijiet Pubbliċi u Trasport tal-Gvern Bask | Spanja | NMS | Awtorità reġjonali |